Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 268/2015

Il-Pulizja

Vs

Ritienne Brigulio

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Ritienne Brigulio, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 127481M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kapacita taghha bhala direttrici u sid tal-istabbiliment kummercjali bl-isem ta' Ritienne's Nail Bar giet imressqa quddiemha u akkuzata talli f'xi granet, f'Awwissu, 2012 u qabel, b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer:

1) Iffalsifikat jew biddlet minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement ghamlet uzu ta' dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, mighajr il-kunsens tas-sid;

2) xjentement ghamlet uzu ta' marka, sinjali, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghhet merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

3) xjentement qieghdet fic-cirkolazzjoni, bieghhet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghall-hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-14 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 298(1)(a)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li ma sabitx lill-imputata RITIENNE BRIGUGLIO hatja tal-akkuzi u illiberatha minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din il-Qorti **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet supra citati, tgħaddi sabiex **issib ħtija** u tinfliġġi fuq l-appellata dik il-piena idonea skont il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Ritienne Brigulio esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

L-esponent Avukat Ġenerali rċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat b'tali sentenza u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli appell peress li l-Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata u dana kif sejjer jiġi spjegat;

Illi fl-ewwel lok kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti l-appellata ġiet akkużata bir-reati ta' Qerq fil-Kummerċ u fl-Industriji hekk kif kontemplat fl-**artikolu 298** tal-Kodiċi Kriminali.

L-ewwel imputazzjoni hija dik li nsibu taħt l-artikolu 298(1)(a) li jistipula:

*Kull min jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta'*

*dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;*

Għalkemm l-esponent jaqbel mall-ewwel Qorti fis-sens illi hekk din id-dispożizzjoni tinqasam f'żewġ partijiet jirriżulta li r-reat taħt l-ewwel parti tad-dispożizzjoni jidher ċar li ma jirriżultax. Minn naħa l-oħra l-esponent mhux qed jaqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni parti ta' dina id-dispożizzjoni fis-sens illi l-Qorti qalet li peress li l-liġi tgħid *xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet….* allura jsegwi, dejjem skont l-ewwel Qorti, li kien sta għall-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza tal-appellata. In oltre skont l-ewwel Qorti din il-parti tista' tinqara flimkien ma' subinċiż **(b) u (f)** tal-istess artikolu;

Propju huwa hawnhekk fejn l-appellant Avukat Ġenerali mhux qed jaqbel mal-ewwel Qorti kif interpretat dina d-dispożizzjoni u dana peress li anke hekk għas-saħħa tal-argument nieħdu in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet f'daqqa dawna jridu jiġu analizzati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet segwenti li nsibu taħt l-artikolu 299 kif ukoll l-arikolu 302 tal-Kodiċi Kriminali;

L-**artikolu 299** tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

*F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(**a**), (b), (**ċ**) u (d), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż.*

In oltre l-**artikolu 302** tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi imbagħad hekk:

*Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax –*

*(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u*

*(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u*

*(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen.*

Minn qari akkurat ta' dawn l-artikoli jidher ċar li fil-każ tar-reat tal-qerq fil-kummerċ id-dolo huwa preżunt u l-oneru tal-prova u cioe li l-persuna akkużata ma kienx jaf li l-prodotti huma kontrafatti jiġi spustat fuq l-imputat, vide **Il-Pulizija vs Robert Gatt**, deċiża fil-15 ta' Novembru, 2013. Dan ifisser li galadarba l-prosekuzzjoni tipprova li l-oġġetti in kwistjoni huma foloz, kif filfatt irnexxielha tagħmel fil-każ odjern, l-oneru tal-prova tax-xjenza ddur lejn id-difiża u mhux kif sostniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Il-Qorti għandha, wara li tgħarbel il-provi kollha li għandha quddiemha, isaqsi hekk l-imputat ħax l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tat-tielet imputazzjoni u cioe l-artikolu 298(1)(f) u kif ukoll li hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri, mill-bqija l-Qorti trid teżamina ukoll hekk mexiex b'ħażen jew le u dana trid tagħmlu wara li tisma' x'għandu xi jgħid l-imputat f'dan is-sens;

Fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet il-preżunzjoni hi għal darb'oħra tali li l-imputat jitqies li mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni tista' toqgħod siekta u tisma' l-provi mressqa mill-imputat/a;

L-esponent hu tal-umli fehma konsiderando ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u meta wieħed jgħarbel l-provi kollha prodotti u li jinsabu parti mill-atti proċesswali *inter alia* il-*modus* u *locus* minn fejn inxtraw l-brazzuletti in kwistjoni u l-isem li jġorru l-istess oġġetti u kif kienu ppakkjati kif ukoll il-prezz tagħhom, dawna kollha huma fatturi li juru li sfortunatament l-appellata ma ħaditx dik <u>il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa</u> hekk kif kienet rikjesta tagħmel taħt l-imsemmija dispożizzjoni. Il-fatt li nxtraw oġġetti b'tali isem u ppakjar minn ġol-monti ġewwa Sqallija u agħar minn hekk li jinxtraw oġġetti b'dak l-isem mingħand Ċiniż fiha nnfisha wkoll tqajjem dubbju raġonevoli li hemm xi ħaġa tintenn u allura l-esponent kien ippretendi li l-appellata kellha tikkonferma u tiċċekja rigorożament sabiex taċċerta ruha x'inhi tixtri galadarba dejjem kellha l-intenzjoni li terġa tbiegħ l-istess prodotti. L-esponent jagħmel enfażi wkoll fuq il-prezz in kwistjoni għax galadarba dina kienet qed tbiegħhom bl-€20 ifisser li hi kienet qed tixtrihom b'valur anqas li aktar jagħti

x'jifhem li l-appellata kienet taf x'qedgħa tagħmel. F'dan l-isfond l-esponent jagħmel referenza għall-prinċipju *ignorantia legis neminem excusat* u kwindi mhux ġustifikata l-appellata tgħid li ma kinitx taf li ma setgħetx tbiegħhom.

In vista tas-suespost mhijiex l-anqas plawsibbli u ġustifikabbli li l-appellata sempliċiment issostni li ma kinitx taf li ma setgħetx tbiegħ dawn l-oġġetti aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra wkoll fejn jinsabu l-istabbilimenti tal-partijiet mertu tal-apell odjern, li hekk wieħed hu midħla ta' dawk l-akkwati jista' japprezza kemm saħansitra jinsabu viċin xulxin. Apparti dan, titwila lejn l-istabbiliment 202 Jewellery wieħed malajr jintebaħ bil-posters u reklami li dan l-istabbiliment għandu mal-faċċata bil-prodotti ta' ***Tresor Paris*** u għalhekk l-esponent isibha ferm aktar diffiċli jemmen il-fatt li l-appellata ma kienitx taf u qatt ma semgħet b'dan l-isem meta hi stess qalet li kienet ilha titla' Sqallija tixtri dawn it-tip ta' oġġetti li fi kwalunkwe każ konsiderando t-tip ta' xogħol li tagħmel il-buon sens jiddetta li kienet taf b'din id-ditta mill-bidu nett u għalhekk, dejjem skont l-esponent, l-appellata mhix kredibbli. L-ewwel Onorabbli Qorti kellha allura ssaqsi jekk hux b'kumbinazzjoni li dawn l-brazuletti partikolari li kienu mmarkati bħala *brand* famuża li nxtraw minn sorsi ferm diskuttibli bi prezz miżeru ta' taħt l-€20, dana meta wieħed jikunsidra id-dettal li fihom aktar ma jagħmilx sens. Dina l-verżjoni tal-appellata skont l-esponent assolutament ma hiex kredibbli. Ħarsa lejn il-brazuletti u l-prezz mizeru tagħhom hi ndikazzjoni li hemm element ta' ħażen u għaldaqstant galadarba l-appellata ddeċidiet li tixtri dawna l-brazuletti bil-għan li terġa tbiegħhom kien jirrigwarda lilha li tagħmel il-verifiċi neċessarji bħala <u>prekawzjoni</u> hekk kif kienet rikjesta bil-liġi li tagħmel;

L-esponent hu tal-umli fehma li d-deċizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti hija waħda *unsafe and unsatisfactory* fis-sens li l-Qorti ma tistgħax tippredenti li l-Prosekuzzjoni tista' b'xi mod tkun taf x'kienet l-intenzjoni tal-persuna li tkun qed tiġi nvestigata, fil-każ odjern l-esponent ma kienx jippredenti li l-prosekutur seta' b'xi mod possibbli jidħol f'moħħ l-appellata sabiex jistabillixxi x'kienet l-intenzjoni tagħha, tant hu hekk li f'dawn it-tip ta' reati, kif intqal qabel, l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputat u hu dan tal-aħħar li jrid jikkonvinċi lil min għandu jiġġudikah sabiex jeżonera' lilu

nnifsu minn kull ħtija, ħaġa li skont l-esponent, fil-każ odjern hija kompletament nieqsa;

Illi ġie ppruvat ukoll mill-atti proċesswali li l-appellata kienet liċenzjata taħt **Category VI** peress li kienet tipprovdi servizzi bħala *nail technician* u ma jidhirx li kellha estenzjoni tal-liċenzja sabiex tkun tista' tbiegħ dan it-tip ta' *costume jewellery* li jaqgħu taħt **Category III**, li ngħiduha kif inhi bħala *costume jewellery* ma tantx jirrelataw mas-servizz li kienet tipprovdi. Ara li kieku qed nitkellmu fuq *nail-files* jew *nail-polishes* dawna setgħet faċilment tbiegħhom bħala parti mis-servizz tagħha mingħajr ebda varjazzjoni tal-liċenzja tagħha taħt **Category VI**;

Fuq il-kwistjoni tal-irċevuta għalkemm l-ewwel Qorti kienet sodisfatta għall-fatt li kienet qed tinħareġ irċevuta taħt nails u mhux bħala costume jewellers, l-esponent ma jarax sens fiha, għax jippretendi li hekk tinxtara brazuletta almenu titniżżel fl-irċevuta bħala *costume jewellery* u/jew *accessory* u mhux xi ħaġa totalment estranea, dina b'kumbinazzjoni ukoll jew saret b'intenzjoni?

Illi fil-konklużjoni tagħha l-ewwel Qorti qalet li minn eżami tal-provi u ċ-ċirkostanzi kollha tal-bejgħ in kwistjoni, rat li l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad tal-konvinċiment morali jew mingħajr ebda dubju raġonevoli li l-imputata kienet effettivament taf fl-ewwel lok li l-oġġetti li xtrat kienu foloz u li hija in segwitu biegħet oġġetti foloz. Skont l-ewwel Qorti l-provi l-oħra wrew u kienet sodisfatta mill-verżjoni mogħtija mill-imputata, qua appellate, li aktar iva milli le hija ma kellha ebda ħjiel li kienet qed tagħmel xi ħaġa illegali;

In vista ta' dak diġa eċepit mill-esponent fis-suespost, jerġa jtenni li l-Qorti reġgħet kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tal-liġi relattiva għax il-prosekuzzjoni qatt ma setgħet tistabilixxi x'kienet l-intenżjoni oriġinali tal-imputata tant li skont l-**artikolu 302** tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tat-tielet imputazzjoni *jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm –il darba ma jippruvax,* (l-imputat u mhux l-prosekuzzjoni) *illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri…* Minn qari akkurat tal-atti proċesswali, l-esponent hu tal-fehma li l-appellata la ħadet dawk il-prekawżjonijiet kollha meħtieġa sabiex

ma jiksirx id-dispożizzjoni tal-artikolu 298(1)(f) u mill-banda l-oħra kellha aktar minn raġuni waħda taħseb li l-oġġetti mixtrija ma kinux veri.

Bl-akbar rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, min jiġġudika dawn ir-reati jrid jagħti aktar piż fuq l-oneru tal-prova li jrid iressaq l-imputat, u mhux il-prosekuzzjoni, għax tali deċiżjonijiet jista' ikollhom riperkussjonijiet negattivi fil-ġejjieni f'każijiet simili li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed isiru frekwenti.

Għaldaqstant indubjament isegwi illi l-liberatorja hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi mħassra sabiex tingħata dik il-piena li tkun tirrefletti dik il-piena applikabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti fir-rigward tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellat;

Ikkunsidrat,

Illi fl-impunjattiva minnu imressqa l-Avukat Generali jikkritika id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti u dan billi jishaq illi kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi in konnessjoni mar-reati imputati lill-appellata. Illi ghal dak li jirrigwarda ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 298(1)(a) ghalkemm jaqbel ma' dak deciz mill-Ewwel Qorti fejn din illiberat lill-appellata mill-ewwel parti tal-akkuza, isostni izda illi kienet tirrizulta r-reita' ghall-atti imwettqa mill-appellata billi dawn li jaqghu, fil-fehma tieghu, taht it-tieni parti ta' din id-disposizzjoni tal-ligi. Dan ghaliex jirrizulta illi l-appellata xjentement ghamlet uzu minn l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali allegatament iffalsifikati meta hija ma ressqitx prova illi ma kellhiex il-hsieb doluz u dan kif previst fl-artikolu 299 tal-Kapitolu 9. Jishaq illi ma kienx jinkombi fuq il-prosekuzzjoni tipprova ix-xjenza kriminuza ta'l-appellata billi il-ligi tohloq presunzjoni legali meta titfa' il-piz tal-prova fuq il-persuna akkuzata li trid allura tipprova l-innocenza taghha.

Dan kellu ighodd ukoll, fil-fehma ta'l-Avukat Generali ghall-imputazzjonijiet l-ohra b'mod specjali dik li taqa' taht id-dispost ta'l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap.9 billi l-oneru tal-prova huwa b'mod car mixhut fuq id-difiza u dan fit-termini ta'l-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali. Gjaldarba gie ippruvat illi l-oggetti mertu tal-kaz kienu foloz, kienet l-appellata li kellha imbaghad iggib provi li juru in-nuqqas ta' xjenza minn

naha taghha meta esponiet ghal bejgh ic-cpiepet foloz. Dan kellu jirrizulta mill-assjem tal-provi li jinsabu fl-atti u allura l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti huwa wiehed *unsafe and unsatisfactory* billi dawn il-provi ma kellhomx iwasslu ghal liberatorja.

Ikkunsidrat,

Illi ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni dwar il-fatt illi c-cpiepet mertu tal-kaz huma foloz u cioe' ma humiex prodott orginali tad-ditta *Tresor Paris*. Kwindi il-fatt materjali tar-reat jissussiti, izda hemm kontestazzjoni dwar l-element formali tar-reati li dwarhom tinsab akkuzata l-appellata. Illi l-Ewwel Qorti tat affidiabilita' lill-appellata fejn din stqarret illi meta xtrat l-oggetti mertu tal-kaz u imbaghad esponiethom ghal bejgh u effettivament irnexxielha tbieghhom, hija ma kenitx taf illi dawn l-oggetti kienu prodotti foloz tad-ditta *Tresor Paris* billi lanqas biss kienet taf illi din il-marka kienet tezisti u li ghalhekk kien hemm mil-karenza tax-xjenza doluza mehtiega fil-ligi ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 298 tal-Kapitolu 9. Sahhqet ghalhekk l-Ewwel Qorti illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tilhaq il-grad tal-prova mehtiega fil-ligi ghal sejbien ta' htija. Illi dak li ma qesitx l-Ewwel Qorti madanakollu kien illi, kif gustamnet jishaq l-Avukat Generali fl-appell minnu imressaq 'il quddiem, hija kellha thares ir-regoli stabbiliti fl-artikolu 299 u 302 tal-Kapitolu 9 u dan ghar-rigward tal-bilanc tal-prova tax-xjenza doluza tal-persuna akkuzata.

**"F'dawn ir-reati kontra qerq fil-kummerc u fl-industriji "............. jitqies illi l-akkuzat mexa dolozament, kemm il-darba huwa ma jippruvax li ma kellux hsieb doloz" (Artikolu 299 Kap. 9). Dan ifisser illi l-piz tal-prova twarrab minn fuq spallejn il-prosekuzzjoni w intefghu fuq dawk tal-akkuzat. Dana pero' illi filwaqt il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, fil-kaz tal-akkuzat huwa ghandu l-obbligu illi jinduci fil-Qorti konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Piz ta' prova ferm anqas minn dak tal-prosekuzzjoni.[1]"**

[1] Il-Pulizija vs Alfred Scicluna – App. Inf. 08/03/2010

Illi ghar-reati li jitkellem dwarhom l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(d), l-artikolu 299 ighid illi "**jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż..**"

Illi imbaghad ghar-reat taht is-subinciz (1)(f) il-ligi tispecifika l-prova li jenhtieglu jaghmel l-akkuzat meta jinghad fl-artikolu 302 illi "**jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax - (a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u (b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u (ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen.**"

Maghdud dan, allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-appellata kien jenhtiegilha tipprova n-nuqqas ta' hazen minn naha taghha meta hija akkwistat il-merkanzija li kellha intenzjoni tbiegh fil-hanut taghha u dan fuq bazi ta' probabbilita'. Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ma issemmi xejn fid-decizjoni taghha, kif inghad, dwar l-ispustament tal-prova fuq l-akkuzata, izda donnha tidher li qed tixhet dan il-pis fuq il-Prosekuzzjoni, madanakollu mill-motivazzjonijiet minnha maghmula hija tghid li keinet qed temmen lill-akkuzata meta dina insistiet illi meta xtrat il-brazuletti mertu tal-kaz, fost oggetti ohra minn suq gewwa Sqallija minn ghand persuna ta' nazzjonalita ciniza li hija kienet imdorrija tixtri minn ghandu , din ma kenitx taf illi kienet tezisti id-ditta *Tresor Paris* u li allura kienet qed tixtri oggetti foloz. Dana tghidu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija kif ukoll fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti mhux kontradetta mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghalkemm din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha, madanakollu tqies illi f'dan il-kaz l-apprezzament sar fuq premessa guridika zbaljata u dan hu rifless fid-*decide* tal-Ewwel Qorti meta tghid hekk:

"***Fil-fatt jinghad li l-Prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda domanda lill-imputata la waqt li hija rrilaxxjat l-istqarrija taghha u lanqas meta xehdet il-Qorti jekk kinitx***

***taf bid-ditta Tresor Paris u jekk kenitx taf li l-oggetti li kienet qed tbiegh kienu fil-fatt foloz."***

Fejn allura donnha qed taghti x'tifhem illi kien qed jispetta lill-Prosekuzzjoni tipprova l-hsieb doluz ta'l-appellata. Illi din il-Qorti hija tal-fehma kuntrarja billi kien jispetta lill-appellata tipprova n-nuqqas ta' xjenza doluza minn naha taghha u li allura kellha tressaq il-prova fuq bazi ta' probabbilita illi hija ma kellhiex l-intenzjoni kriminuza. Illi allura ma huwiex bizzejjed ghall-appellata tghid illi hija ma kenitx taf li tezisti din il-marka u tieqaf hemm izda kellha tressaq provi ohra li jindikaw in-nuqqas ta' hsieb doluz sabiex twaqqa' l-prova stabbilita mill-Prosekuzzjoni illi l-oggetti illi hija kienet qed tbiegh kienu fil-fatt foloz. L-appellata tistqarr illi tlett icpiepet bl-isem *Tresor Paris* u bil-kaxxa ukoll b'din il-marka xtrathom mis-suq f'Catania minn ghand persuna ta' nazzjonalita ciniza, minghajr lanqas biss indenjat ruhha tivverifika l-isem x'kien jirrapprezenta qabel tesponi l-merkanzija ghal bejgh. Di piu' la tindika min hi l-persuna minn ghand min xtrat ic-cpiepet u lanqas tindika l-prezz li hallset ghalihom fejn jidher illi lanqas ricevuta ma inghatat ghal dawn ta'l-oggetti mixtrija minnha. Dawn il-fatturi wahedhom kellhom inisslu f'mohh il-gudikant imqar dubbju dwar l-veracita ta' dak li kienet qed tistqarr l-akkuzata. Jidher illi l-appellata ghandha hanut gewwa Rahal il-Gdid ta' *nail technician* u minn dan il-hanut tbiegh ukoll xi prodotti ta' *costume jewellery*. Ma jidhirx ghalhekk illi hija xi persuna li ma ghandhiex konoxxenza tad-dinja tal-moda. X'kienu allura il-prekawzjonijiet li hadet l-appellata bhala persuna imdorrija fin-negozju qabel ma esponiet din il-merkanzija ghal bejgh? X'kien it-taghrif li ghaddiet lill-pulizija dwar il-persuna minn ghand min xtrat dawn l-oggetti? Tat informazzjoni dwar il-prezz li xtrat dawn l-oggetti, jekk inghatatx ricevuta, jekk halsitx VAT fuqhom? L-appellata kellha responsabbilta' li tivverifika l-oggetti li hija kienet qed tbiegh fuq is-suq lokali u mhux taqbad u tpoggiehom fil-vetrina minghajr l-icken verifika, haga illum piuttost facili bl-avvanzi li saru fit-teknologija.

Illi huwa evidenti ghalhekk illi hija ma irnexxiliex teghleb – imqar fuq bazi ta' probabbilita – il-presunzjoni kontenuta fl-artikolu 299 (dan fir-rigward ta'l-ewwel zewg akkuzi) jew li tipprova fuq bazi ta' probabbilita` t-tlett rekwiziti tal-Artikolu

302 (ghar-rigward tal-paragrafu (f)). Il-fatt wahdu li l-appellata tikkontendi illi hija ma kenitx taf li tezisti din id-ditta jew marka u li allura hija ma setatx tbieghhom hawn Malta ma hijiex wahedha sufficjenti billi *ignorantia legis neminem excusat.*[2]

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti m'ghandix dak il-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet li l-appellata ma kenitx taf illi kienet qed timporta merkanzija falza w ghalhekk ma ssodisfatx il-vot tal-Artikolu 299 u 302 tal-Kap.9 illi hija ma kellhiex hsieb doluz u li hadet dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex tassigura ruhha qabel ma tpoggi l-oggetti ghal bejgh illi dawn kienu awtentici u mhux foloz.

Issa l-appellata hija akkuzata bmod alternattiv b'tlett reati ikkontemplati fl-artikolu 298(1)(a)(c) u (f). Illi l-Qorti tqies illi l-fattispecje tal-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost tas-sub-inciz (1)(f) u dan meta l-appellata qieghdet fic-cirkolazzjoni u bieghet dawn ic-cpiepet foloz.

Illi meta ser tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali kwazi nadifa ta'l-imputata kif ukoll il-fatt illi l-merkanijza kienet tikkonsisti biss fi tlett icpiepet u ma kienx jikkonsisti f'bejgh fi skala kummercjali wiesgha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, qieghda thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 298(1)(f) u 302 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-appellata billi dawn huma akkuzi alternattivi ghal xulxin, issibha hatja tat-tielet akkuza u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kunndizzjoni li ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

---

[2] Ara decizjonijiet – il-Pulizija vs Francis Vella App.Inf 04/01/2008; ara ukoll Il-Pulizija vs Lawrence Cassar 04/01/2008 – App. Inf.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Tordna il-konfiska tad-dokument SR4 u SR5 esebieti in atti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur